# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

**MAGISTRAT**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D. MAG. JUR (EU LAW)**

**Seduta tat-2 ta' Ottubru 2001**

Avviz Numru 80/99

Mons. Edoardo Bondi', Lou Bondi', Jacqueline Bondi', Joanna mart John Said, Simon u Warren ahwa Grech

-vs-

Salvatore Agius u Anthony Zammit

Il-Qort;

Rat l-avvizipprezentat fit-18 ta' Novembru 1999 permezz ta' liema l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati jizgombraw mir-raba' imsejjah ta' Dun Vestru limiti taz-Zebbug, Ghawdex ta' kejl ta' cirka tnax-il elf tliet mija u tmienja u tmenin metru kwadru (12,388m2) konfinanti mit-Tramuntana ma' Fenech Grech u Lvant u nofs inhar ma' beni ta' Pawlu Scicluna, liema koncessjoni emfitewtika temporanja skadiet fl-14 ta' Awissu 1999 u liema proprjeta' il-konvenuti qed jokkupaw abbuzivament u illegalment minghajr ebda titolu validu fil-ligi u dan ukoll peress li kwalsiasi kirja li setghet saret oltre li hija simulata ma saritx taht kundizzjonijiet gusti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-15 ta' Ottubru 1999 bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Il-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwestjoni ma jaccedix il-hames mitt lira.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Salvatore Agius fejn ecepixxa:

1. illi l-kirja moghtija lilu saret minn persuna li kellha kull dritt li taghtih b'titolu ta' lokazzjoni r-raba' in kwistjoni, saret skond il-ligi u taht

kundizzjonijiet gusti, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' l-avviz.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Zammit fejn eccepixxa:

1. In-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti "ratione materiae" u dana peress illi t-talbiet, kif dedotti jaccedu l-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, dan l-avviz huwa monk u bhala tali huwa null u dana peress illi ma ntalbet l-ebda dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti ghall-iskop imsemmi fl-Avviz.

3. Illi fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, il-kirja in kwistjoni saret ma' persuna li bhala enfitewta kellha d-dritt ta' amministrazzjoni, saret skond il-ligi u that kundizzjonijiet gusti, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' l-avviz.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Salvtore Agius in vitru ta' digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-15 ta' Mejju 2000 fejn eccepixxa ulterjorment illi in linea preliminari l-avviz odjern huwa null u l-proceduri odjerni ma jistghux jisskotaw stante illi l-istess avviz gie pprezentat minn persuna totalment estranea ghal din il-kawza u illi ma hijiex inkluza fost dawk il-persuni li l-ligi tippermetti li jippresentaw atti gudizzjarji.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-verbal taghha tat-8 ta' Marzu 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum fuq l-eccezzjoni tan-nullita u l-inkompetenza (ossia l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Zammit u l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut Agius) bil-fakolta lill-partijiet li jaghmlu noti ta' osservazzjonijiet li baqghu ma sarux.

Ikkunsidrat:

L-eccezzjoni tan-nulllita' jinghad li hi bazata fuq il-fatt li l-avviz gie pprezentat minn persuna totalment estranea ghall-kawza stante li ma hix inkluza "fost dawk il-persuni li l-ligi tippermetti li jipprezentaw atti gudizzjari". L-alluzjoni hi li fl-avviz fir-rokna ta' fuq tax-xellug hemm indikat li gie ipprezentat minn "Joe Bondi Bla Dokti" u l-isem Joe Bondi verament ma jirrizultax fost l-atturi fil-kawza. L-Artikolu tal-Kap 12 li jirregola l-prezentati ta' skritturi huwa l-Artikolu 180 li fis-sub-incis (f) jipprovdi li f'wahda mill-awli inferjuri l-prezentata ta' skrittura tista' ssir

minn Avukat.  Fil-kaz in mertu l-iskrittura, ossia l-avviz li ta bidu ghal dawn il-proceduri, hu ffirmat minn Avukat li hu bizzejjed biex jisssodisfa l-vot tal-ligi.  L-imsemmi Joe Bondi kien biss strument li wassal li ghamel il-konsenja ta' l-att, li per se u trattandosi ta' avviz ma jfisser xejn u bl-ebda mod, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jgib in-nullita' tal-proceduri.

L-eccezzjoni l-ohra li ser tigi deciza tirrigwarda l-kompetenza "ratione materiae".  Il-Qrati Inferjuri huma regolati fit-Titolu IIII ta' l-1 Ewwel Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedur Civli.  L-artikolu 47 jistabilixxi l-limitazzjonijiet fil-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati u l-Artikolu 48 isahhhah x'gurisdizzjoni ohra ghandhom dawn il-Qrati.  Mic-citati artikoli huwa palesi li l-kawza in disamina fit-termini ta' l-avviz hija ta' kompetenza ta' din il-Qorti fil-veste taghha ta' "Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)".

Ghaldaqstant tiddeciedi dwar iz-zewg eccezzjonijiet billi tichadhom. Tordna ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

(ft.) A.  Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur